KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1095

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 72 tad-9 ta' Jannar 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________
Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**KOMUNIKAZZJONI B'MOD ELETTRONIKU FIL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

**14. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT JISTAQSI LILL-ISPEAKER**: Jista' l-Ispeaker jgħid jekk qattx sar stħarriġ fost il-Membri Parlamentari dwar il-komunikazzjoni ipprintjata fil-Kamra tad-Deputati, u jekk dawn jippreferux komunikazzjoni elettronika bl-iskop li jitnaqqas l-użu tal-karta u tiżdied l-effiċjenza?

18.11.2022

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi għalkemm is-Sedja ma għamlet l-ebda stħarriġ fost il-Membri Parlamentari tirrikonoxxi li investiment f'teknoloġija tal-komunikazzjoni elettronika huwa mezz sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-Parlament, u fl-istess ħin jitnaqqas il-bżonn ta' stampar ta' dokumenti. Is-Sedja tagħraf ukoll li l-proprozjon akbar ta' Membri żgħażagħ eletti jfisser li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji kull ma jmur qegħdin ikunu aktar imfittxija u aċċettati.

F'dawn l-aħħar snin il-Parlament ikkumissjona l-website li qiegħda tintuża fil-preżent, li tippermetti li minnha wieħed jaċċessa b'mod faċli u kważi immedjat dokumenti uffiċjali tal-Kamra u tal-kumitati, mingħajr il-bżonn li tintalab kopja stampata tagħhom. Dan jinkludi aġendi u minuti tal-Kamra u tal-Kumitati, abbozzi, atti, karti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra, eċċ. Ta' min iżid li l-użu estensiv tal-email għen ukoll sabiex jitnaqqas l-użu tal-karti fil-ħidma parlamentari.

Barra minn hekk għaddejjin fl-istadji finali ta' tnedija ta' sistema elettronika ġdida li permezz tagħha Membri Parlamentari jkunu jistgħu jissottomettu mistoqsijiet parlamentari, u dan b'żieda mal-faċilità li diġà għandhom illi jissottomettu mistoqsijiet permezz ta' email.

Seduta 72
09.01.23